MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 147/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fit-3 t'Awwissu 1996, u minn dan iz-zwieg twieldu il-minuri Dylan, Jasmine u Erica; li l-hajja konjugali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba inkompatibilita` ta' karatrru, li l-hajja mizzewga tkissret irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-konvenut jghid ghaliex din Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tiffissa retta alimentarja pagabbli bhala manteniment mill-intimat lir-rikorrenti ghaliha u ghal uliedha minuri kif ukoll timpani il-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess retta inkluz li l-manteniment jizdied perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-effetti ta' l-gholi tal-hajja;

3. Tikkomina kontra l-istess rikorrent il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa' 61 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b'dana illi jigu applikati is-sanzjonijiet imsemmija fit-tielet talba occorendo bin-nomina ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-intimat jirrestitwixxi lill-attrici il-propjeta` kollha taghha parafernali inkluz id-dar matrimonjali jew il-valur taghha;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment; illi hija l-attrici li ghandha l-htija tat-tkissier taz-zwieg minhabba sevizzi u ingurji gravi kif ukoll abbandun; illi m'hemmx proprjeta` in komun; illi ghandhom jigu applikati fil-konfront ta' l-attrici d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 u l-Artikolu 61 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38, u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; inoltre qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tat-separazzjoni unikament lill-attrici ghar-ragunijiet fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fit-3 t'Awwissu 1996, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Dylan fil-25 ta' Mejju 1997, Jasmine fit-23 t'Ottubru 1998 u Erica fit-12 t'Awwissu 2005.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li l-konvenut huwa persuna vjolenti "*niftakru isabbat mal-hajt u bid-daqqa ikisser il-plakek tad-dawl*"[1], hija tghid li l-hajja ma' zewgha kienet wahda ta' tbattija. L-attrici ssostni wkoll li l-konvenut "*kien ihobb jixrob hafna u kien ikun ta' sikwit fi stat ta' sokor. Meta kien ikun fis-sakra, li kienet xi haga frekwenti, kien isir vjolenti ferm u aggressiv*"[2]. Hija tiddeskrivi s-swat bhala xi haga regolari sa tali punt li kienet tilfet l-istima, il-kuragg u l-kunfidenza fiha nnifisha.

L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien anke jabbuza minnha sesswalment "*hafna drabi kien jisforzani ikollu x'naqsam mieghu anke jekk ma nkunx irrid. Mhux l-ewwel darba li kelli x'naqsam ma' zewgi kontra ir-rieda tieghi u bil-forza*"[3]. Hija tkompli tishaqq li barra li kien jisforza l-att

[1] Vol. I, fol. 168 tal-process.
[2] Ibid.
[3] Vol. I fol. 169 tal-process.

sesswali fuqha huwa kien ikun ukoll vjolenti billi isawwatha. Inoltre, l-attrici tghid li l-konvenut kien stupraha anke meta kellha sitt xhur tqala bit-tielet wild izda ghalkemm ghamlet rapport, meta wasal il-kaz il-Qorti hija kienet hafritlu.

Kien hemm zmien fejn dan kollu, skond l-attrici, wassal sabiex titlaq mid-dar u tmur go *shelter*, l-Ghabex u d-dar ta' Qalb ta' Gesu, flimkien mat-tfal, izda ma setghatx tkompli tghix hemm u regghet irritornat lura d-dar pero s-sitwazzjoni ma nbidlitx u baqghet wahda vjolenti u abbuziva.

L-attrici tallega wkoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma' prostituta, certu Rodianne, li kienet tibaghatilha messaggi ta' fastidju.

*Verzjoni Konvenut*
Illi l-konvenut minn naha tieghu ma pprezentax affidavit tieghu u x-xhieda viva voce li ta kienet aktar iffokata dwar ix-xoghol, il-qliegh u t-tfal minuri. Illi ghalhekk dina l-Qorti tista' biss tiehu l-verzjoni tal-konvenut mir-risposta guramentata[4] u min-nota ta' sottomissjonijiet[5] fejn huwa jichad li nsista li jmorru jghixu hdejn missieru. Huwa jghid li l-attrici qatt ma riedet tahdem fiz-zwieg u hija waqfet tahdem sitt xhur qabel ma zzewgu.

Fir-rigward tal-vjolenza, l-konvenut jghid li kienet l-attrici li kienet "*tifferocja... tigdem lilha nnifisha biex imbaghad taghmel rapport li gidimha jew sawwatha zewgha.. tibda tkisser l-affarijiet sahansitra darba minnhom kissret anki l-plakki tal-hajt u lil Carmel B kienet tisfidah billi tghidlu 'Ghax alabiebi ghax mill-Hamrun*"[6]. Il-konvenut jichad li huwa kien ikun xurban u jabbuza mill-attrici.

Il-konvenut jallega li l-attrici ghandha relazzjoni ma' Joseph Borg u li gieli jorqod ghandha bit-tifla z-zghira Erica torqod bejniethom.

---

[4] Vol. I fol. 61 tal-process.
[5] Vol. II fol. 234 et seq. tal-process.
[6] Vol. II fol. 234 tal-process.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-verzjoni tal-konvenut ma hi bl-ebda mod korroborata u di fatti huwa anqas biss ta xhieda dwar dak li wassal ghat-tifrik ta' dana z-zwieg izda llimita ruhu biss ghar-risposta guramentata u ghan-nota ta' sottomnissjonijiet. Ghalhekk il-konvenut ma gab l-ebda prova sabiex issostni l-allegazzjonijiet tieghu.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha ghalkemm skarsi, hija tal-fehma li l-htija tat-tkissir ta' dan iz-zwieg tirrisjedi unikament tal-konvenut. Fil-fatt minhabba l-vjolenza subita l-attrici sa kellha titlaq mid-dar u tmur gewwa *shelter*. Fix-xhieda taghha Marie Louisa Zammit rapprezentanta ta' Ghabex tghid "*l-attrici kienet fix-xelter kienet imkissra, frustrata u anzjuza. Nirrakonta li darba wara li kellha l-baby u nghid li dak iz-zmien kienet ghandna, kienet wasslet sa livell isteriku/overburdened b'hafna pizzijiet li sabiet ruhha fihom*"[7]. Dina x-xhud pprezentat dokumentazzjoni fejn jidher li l-attrici l-ewwel li dahlet fix-xelter kien fid-29 ta' Jannar 2003, jidher li l-attrici regghat irritornat fix-xelter fid-9 t'Awwissu 2005. Dorianne Cremona haddiema socjali tad- *Domestic Violence Unit* ta' l-Agenzija Appogg ipprezentat dokument li ghid "*In 2003, client and her 2 children left the matrimonial house and were admitted to Ghabex sherlter due to safety reasons. Few weeks later, client returned back home as husband promised to change his abusive behaviour*"[8]

Illi fir-rigward ghar-relazzjoni li l-attrici tallega li zewgha kellu ma' Rodianne Briffa dan ma giex sufficentement ippruvat. Ghalkemm jidher li l-konvenut ghandu relazzjoni u dan anke mix-xhieda ta' missier il-konvenut meta jghid "*tat-tfajla li ghandu*"[9].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort esklussivament tal-konvenut minhabba eccessi, mohqrija u sevizzi fil-konfront ta' l-attrici, kif ukoll wettaq adulterju. Ghalhekk

[7] Vol. I fol. 134 tal-process.
[8] Vol. I fol. 165 tal-process.
[9] Vol. I fol. 72 tal-process.

jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-artikol 38 u 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu jattira ex lege l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, u dan b' effett mid-29 ta' Jannar 2003.

**Kura, Kustodja u Access**

Illi l-kwistjoni tal-minuri kienet wahda ferm kontestata bejn il-partijiet sa' mill-proceduri ta' medjazzjoni fejn kien hemm l-intervent ta' l-Agenzija Appogg li ntavolat rapporti u noti sabiex tassisti fl-andament ta' l-access tal-minuri u r-relazzjoni taghhom mal-genituri u l-familjari.

Saru numru ta' rikors u nghataw digrieti fejn kien hemm anke perijodu li l-access tal-konvenut kellu jsir taht supervizjoni[10]. Sussegwentement permezz ta' digriet datat 28 ta' Lulju 2009[11] fl-interess tal-minuri l-Qorti awtorizzat li jkun hemm il-prezenza tan-nanniet waqt l-access. Maz-zmien ic-cirkostanzi qalbu ghall-ahjar fis-sens li permezz ta' digriet datat 19 ta' Jannar 2010 il-Qorti ordnat li m'hemmx aktar il-bzonn li l-access isir taht supervizjoni izda kellu jibqa' jisr fir-residenza tan-nanniet paterni fil-prezenta ta' wiehed mill-istess nanniet. Inoltre, giet milqugha t-talba sabiex fil-gurnata tas-Sibt l-access ikun ghal tmien sieghat u li jista' jkun hemm membri ohra familjari tal-konvenut. Illi permezz tad-digriet datat 21 t'April 2010 il-Qorti ordnat li l-access favur il-konvenut ghall-uliedu minuri ghandu jkun "*kull nhar ta' Tlieta mill-4.00pm sas-6.00pm u t-tifel jitwassal il-muzew mill-konvenut; u kull nhar ta' Sibt mid-9.00am sal-5.00pm*"[12].

Inoltre, mill-provi prodotti jidher li n-nanniet paterni huma prezenza importanti li tohloq certu stabbilita` u sigurta` fejn jidhlu t-tfal minuri. Di fatti din l-Qorti ordnat li l-access ma jibqax jisir taht supervizzjoni pero' ghandu jsir fid-dar tan-nanniet paterni fil-prezenza ta' wiehed jew wahda minnhom. Illi anke mix-xhieda taghhom jidher li huma

[10] Vol. I fol. 28 tal-process.
[11] Vol. I fol. 32 tal-process.
[12] Vol. I fol. 127 tal-process.

figura prezenti fil-hajja tal-minuri u l-Qorti hija tal-fehma li dawn in-nanniet huma l-istrument ta' kif l-ghaqda bejn il-genitur u l-minuri tista' tkompli tikber u tissahhah ghalhekk hija mhegga.

Illi mid-data ta' l-ahhar digriet ghaddew tlett snin u jidher li f'dan il-perijodu r-rikorsi tal-partijiet fir-rigward ta' l-access tal-minuri waqfu u ghalhekk dan jindika li l-access huwa wiehed adegwat fic-cirkostanzi tal-partijiet.

Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tikkonferma d-digriet tal-21 t'April 2010, tordna li l-access tal-konvenut ghall-uliedu minuri ghandu jkun kull nhar ta' Tlieta mill-4.00pm sas-6.00pm u t-tifel jitwassal il-muzew mill-konvenut; u kull nhar ta' Sibt mid-9.00am sal-5.00pm u dan dejjem fil-prezenza tan-nanniet paterni jew min minnhom. Inoltre, tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lill-attrici.

**Manteniment**

Illi mid-dokument prodott mix-xhieda ta' Jennifer Debono fis-17 ta' Settembru 2010 a fols. 143 et seq. jidher li l-konvenut ghalkemm bidel numru konsiderevoli ta' xoghlijiet u li kien hemm intervalli bejn xoghol u iehor, qatt ma kien dizokkupat ghal snin in fila hekk bhalma gara f'dawn l-ahhar snin. Jidher mill-istess dokument li l-ahhar impieg tal-konvenut gie terminat fit-30 t'April 2009 u ma jidhirx li minn dakinhar huwa sab xi impieg iehor. Illi din l-Qorti tara dan bhala koincidenza wisq inverosimili li d-data tat-terminazzjoni ta' l-ahhar impieg tikkonbacja ma' dik tant vicina ta' meta l-attrici intavolata il-kawza odjern u cjoe fl-14 ta' Mejju 2009. Inoltre, huwa aktar invorosimili li f'dan iz-zmien kollu l-konvenut ma sabx impieg anke jekk ta' xort'ohra minn dik li hija s-sengha tieghu.

Illi permezz ta' risposta li l-konvenut intavola fis-16 ta' Frar 2010 huwa stqarr li huwa "*jiehu madwar 92 euro fil-gimgha peress illi jinsab bla xoghol*"[13]. Illi mid-dokument

[13] Vol. I fol. 101 tal-process.

ezebit fil-pagna successiva jidher li l-konvenut jippercepixxi s-somma ta' €95.83 fil-gimgha.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut jghid li "*Meta t-tifla kienet ghadha baby darba fil-gimgha konna nohdulha kaxxa nappies u creams, wipes u minn kollox. Kull ma talbuna t-tfal, uniformijiet kull sena xtrajnihomlhom. Qed nghid xtrajnihomlom ghax kien jghini missieri mhux qed nghid xtrajhomlom jien, xtrajnihomlhom flimkien,. Li talbuna t-tfal, riedu television ghall-kamra taghhom xtrajnihulhom. Darba minnhom qeghdin l-Appogg it-tifla qaltli nixtieq dvd ghal kamra taghna, qsamt faccata ghand tal-Majestic u xtrajtilhom dvd dak il-hin. PSP xtrajnilhom wahda kissruha, regghu kissruha t-tieni wahda u rgajna xtrajnilhom ohra l-gimagha l-ohra, li jitolbuna ntuhom it-tfal*"[14].

Illi jidher li l-konvenut ghandu l-mezzi sabiex imantni lill-minuri ghalkemm jallega li jghinuh il-genituri tieghu, fi kliemu stess kellu bizzejjed finanzi biex minghajr pre-avviz u f'dak il-mument stess mar jixtri dvd lill-bintu meta hija wriet ix-xewqa li jaghmel dan. Certament dan mhux agir ta' persuna li ghandu diffikultajiet finanzjarji u qieghed jippercepixxi biss €95.83 fil-gimgha. Inoltre, il-konvenut ghandu l-hila u s-sahha li jsib impieg *full-time* sabiex b'hekk ikun jista' jmantni lill-uliedu.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' €120 ghal kull wild kull 4 gimghat ghal total ta' €360 kull erbgha gimghat, b'zieda kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja. Dan l-ammont ikopri l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri, u l-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha tal-minuri. Il-manteniment jeqaf appena t-tfal isiru maggjorenni.

**Il-Partijiet**

Illi l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu li jitlob u jircievi manteniment ghalih u dan ai termini ta' l-Artikolu 48 (1) (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet sucitati.

---

[14] Vol. I fol. 90 tal-process.

Illi jidher li l-mara tahdem tant li rciviet rifuzjoni ta' taxxa, ma jidhirx li tezisti xi raguni jew impediment fis-sahha ta' l-attrici sabiex dina ma tahdimx. Ghalhekk l-ebda manteniment m'ghandu jghaddi ghall-attrici; izda jiba' impredikat id-dritt ta' l-attrici, bhala l-parti vincenti fil-kawza, li titlob manteniment minghand il-konvenut kemm il-darba din, ghar-ragunijiet mhux fil-kontroll taghha, tisfa' minghajr mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Likwidazzjoni*

Illi permezz ta' verbal waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2012 l-attrici ddikjarat li "*d-dar matrimonjali nbieghet u l-vertenzi li jibqghu huma dawk ta' kura u kustodja, access u manteniment*" [15]. Sussegwentement, permezz ta' nota datata 10 t'Awwissu 2012, l-attrici addizzjonalment ghal dawn il-vertenzi ziedet dik dwar is-somma ta' Lm8,000 li ghosfret wara l-bejgh tad-dar u fir-rigward tac-*cheque* li ssaraf mir-ragel liema amount ta' Lm125 kien refuzjoni ta' taxxa dovut lilha.

[1] Illi fir-rigward tat-Lm8,000 ghalkemm ma ngabet l-ebda prova, il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet qal li "*mit-Lm8,000 li kien fadal thallas id-dejn li kien fadal mal-Bank imma dan l-attrici ghogobha ma turihx fil-fatt lanqas gabet rapprezentant tal-bank biex jixhed fuq id-dejn*"[16] ma ngiebux provi fir-rigward, u ghalhekk dan l-ammont imsemmi ma jistax jitqies fil-likwidazzjoni tal-komunjoni;

[2] Fir-rigward tat-tieni vertenza u cjoe tac-*cheque* imsarraf mill-konvenut. Il-Qorti sabet li l-kagun tat-tkissier ta' dana z-zwieg kien htija unikament tal-konvenut u ddikjarat li dan kien mid-29 ta' Jannar 2003, in vista tal-fatt li c-*cheque* huwa datat 19 December 2007 u gie fil-fatt imsarraf kif jidher a fol. 196 tal-process. Ghalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut jirrifondi s-somma ta' Lm125 u cjoe €291.17 fl-intier taghha lill-attrici;

[15] Vol. II fol. 237 tal-process.
[16] Vol. II fol. 235 tal-process.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba, limitatament u tit-termini, fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'

[3] tilqa' t-tielet talba u tapplika s-sanzjonijiet ikkontmeplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut;

[4] tilqa' ir-raba' talba, , u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwist b' effett mid-29 ta' Jannar 2003 u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba in vista tal-verbal u tan-nota kif spjegat fis-sezzjoni ntestata "Kommunjoni ta' l-Akkwisti"

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------